Nru. 17,710
Prezz Lm1.28ċ
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2005
Friday, 21st January, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 60

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Jannar, 2005
(File No. L586/81/III)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Lulju, 1991, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 480, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħal Kirkop:

1. Biċċa art tal-kejl ta' 74 metru kwadru – li tinkludi fuqha parti mill-fond numru 59, Triq Santu Rokku (imwaqqa') – li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-werrieta ta' Benedict Cassar, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta L.D.227A/81 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

It-13 ta' Jannar, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 60

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st January, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 12th July, 1991, under Notice No. 480, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Kirkop:

1. A plot of land of the area of 74 square metres – including the overlying part of premises number 59, Triq Santu Rokku (fallen) – bounded on the North West by property of the heirs of Benedict Cassar, on the South West and on the South East by a public road.

The abovementioned land is shown marked on plan L.D. 227A/81 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

13th January, 2005

Nru. 61

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fid-19 ta' Jannar, 2005, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 61

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 19th January, 2005, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

21st January, 2005

Nru. 62

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Jannar, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 56 tas-17 ta' Jannar, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-19 ta' Jannar, 2005
(OPM 1/2005)

No. 62

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Wednesday, 19th January, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 56 of the 17th January, 2005, ceased to have effect accordingly.

19th January, 2005

Nru. 63

ĦATRA TA' SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u skond l-artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ħatar lil Dott. Godwin Grima, LL.D., B.A. (Rel. Studies), LTCL, bħala Segretarju Permanenti biex jaqdi d-dmirijiet ta' Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'seħħ mill-11 ta' Jannar 2005.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 63

APPOINTMENT OF PRINCIPAL PERMANENT SECRETARY

THE President of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, and in terms of article 92 (3) of the Constitution of Malta, appointed Dr Godwin Grima, LL.D., B.A. (Rel. Studies), LTCL, as Permanent Secretary to carry out the duties of Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister with effect from 11th January 2005.

21st January, 2005

Nru. 64

DMIRIJIET TA' SEGRETARJU AMMINISTRATTIV

NGĦARRFU b'din illi l-Prim Ministru assenja d-dmirijiet ta' Segretarju Amministrattiv lil Dott. Godwin Grima, LL.D., B.A. (Rel. Studies), LTCL, b'seħħ mill-11 ta' Jannar 2005.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 64

DUTIES OF ADMINISTRATIVE SECRETARY

IT is hereby notified that the Prime Minister has assigned the duties of Administrative Secretary to Dr Godwin Grima, LL.D., B.A. (Rel. Studies), LTCL, with effect from 11th January 2005.

21st January, 2005

Nru. 65

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

Laqgħat Ġenerali Annwali għall-Artiġjani u l-Imprendituri reġistrati mal-Kunsill

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), is-Segretarju jgħarraf li se ssir laqgħa ġenerali annwali għall-Artiġjani u għall-Imprendituri kollha reġistrati mal-Kunsill kif jidher hawn taħt:-

It-Tnejn, il-31 ta' Jannar 2005, fil-5.30 p.m. fis-Sala tal-Konferenzi fil-bini tal-Malta Enterprise, Qasam Industrijali, San Ġwann.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 65

MALTA CRAFTS COUNCIL

Annual General Meetings for Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council

IN terms of the provisions of paragraph 22 of the Schedule of the Malta Crafts Council Act (Cap. 421), the Secretary notifies that the Annual General Meeting for all the Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council shall be held as follows:

Monday, 31st January 2005, at 5.30 p.m. in the Conference Hall at the Malta Enterprise premises, Industrial Estate, San Ġwann.

21st January, 2005

Nru. 66

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Patrizia Mallia, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., kif ukoll ta' l-atti tan-Nutar Dott. Joseph Felix Abela, LL.D., illum mejjet, sakemm Dott. Mizzi tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mid-19 ta' Jannar, 2005 sal-25 ta' Jannar, 2005.

Carmel Muscat
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-18 ta' Jannar, 2005

No. 66

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Patrizia Mallia, LL.D. to be Notary Delegate for Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., and Notary Dr Joseph Felix Abela, deceased, during Dr Mizzi's absence from these Islands from the 19th January, 2005 till the 25th January, 2005.

Carmel Muscat
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

18th January, 2005

Nru. 67

QRATI TAL-ĠUSTIZZJA

Riżenja ta' Deputat Reġistratur tal-Qrati

IKUN jaf kulħadd illi b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 38 tas-16 ta' Jannar 2004, Ms RoseMarie Ellul, fil-grad ta' Prinċipal, irriżenjat mill-post ta' Deputat Reġistratur tal-Qrati b'seħħ mill-10 ta' Jannar 2005.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 67

COURTS OF JUSTICE

Resignation of Deputy Registrar of Courts

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 38 of the 16th January 2004, Ms RoseMarie Ellul, Principal Officer, resigned from the post of Deputy Registrar of Courts, with effect from 10th January 2005.

21st January, 2005

Nru. 68

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJA TAL-BIEDJA U SAJD (KAP. 146)

NGĦARRFU b'din illi d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura approva dawn l-applikazzjonijiet tal-proċessuri fis-settur ta' l-ipproċessar tal-prodotti għall-istaġun 2005–2006 skond kif provdut fl-Avviż Legali Nru. 390 ta' l-2003:

1. Messrs. Magro Bros. (Foods) Ltd. – ix-Xewkija, Għawdex.

2. Messrs Vernons Food Manufacturing and Trading Ltd. – l-Imrieħel, Malta.

3. Messrs Farmers Foods Ltd. – ix-Xewkija, Għawdex.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 68

AGRICULTURAL AND FISHING INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

IT is hereby notified that the Department of Agriculture has approved the following applications of processors in the Product Processing sector for the processing year 2005-2006 as provided by Legal Notice No. 390 of 2003:

1. Messrs. Magro Bros. (Foods) Ltd. – Xewkija, Gozo.

2. Messrs Vernons Food Manufacturing and Trading Ltd. – Mrieħel, Malta.

3. Messrs Farmers Foods Ltd. – Xewkija, Gozo.

21st January, 2005

Nru. 69

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DAN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
47	208/209, Tower Road Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of rules*	14/01/2005
48	232&235, Tower Road Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of rules*	14/01/2005

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 69

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

21st January, 2005

Nru. 70

ELEZZJONI KAŻWALI 2005 – SLIEMA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fid-19 ta' Jannar, 2005, biex jimtela l-post li tbattal minn Borg Anthony, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skond il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 70

CASUAL ELECTION 2004 – SLIEMA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 19th day of January, 2005, to fill the seat vacated by Borg Anthony, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **877**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **439**

Isem tal-Kandidat ***Name of Candidate***	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
PORTANIER IVAN	710E
SCICLUNA EDWARD	125
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	42
Total *Total*	877

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi PORTANIER IVAN ġie kif misthoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum id-19 ta' Jannar, 2005
Dated this 19th January, 2005

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG M. CALLUS H. DISTEFANO A. FELICE
S. FENECH V. GANADO S. SANT T. SULTANA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 71

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Jannar, 2005, għall-Kunsill Lokali ta' Sliema, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Anthony Borg, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

PORTANIER IVAN

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 71

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Wednesday, 19th January, 2005, for the Local Council of Sliema, to fill the post vacated by Mr Anthony Borg, is that whose name is shown hereunder:–

PORTANIER IVAN

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

21st January, 2005

Nru. 72

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
14. 01. 05	Lm4.56c3	8c2
17. 01. 05	Lm4.53c1	8c1
18. 01. 05	Lm4.55c5	8c2
19. 01. 05	Lm4.56c5	8c2
20. 01. 05	Lm4.56c1	8c1

Il-21 ta' Jannar, 2005

No. 72

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

21st January, 2005

Nru. 73

ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

No. 73

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.


PEMBROKE

It-triq immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TREJQET
IL-BEATU
NAZJU FALZON

It-triq immarkata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TREJQET
IL-BEATU
DUN ĠORĠ PRECA



IN-NAXXAR

L-isqaq fi Triq il-Għargħur jissemma …….. SQAQ TAL-LAQX

ĦAL TARXIEN

It-triq li tidħol għaliha minn Triq Dun Karm Sant u tiżbokka ġo Triq Marjanu Gerada jew viċi-versa tissemma ……..…….. TRIQ IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

BORMLA

Bdil fl-isem

Triq il-Ġdida tissemma ……..…… TRIQ L-INKURUNAZZJONI

ĦAD-DINGLI
Isem ta' Ġardin

Il-wesgħa li tinsab fi Triq il-Maddalena faċċata tal-ġenb taċ-ċimiterju tissemma ĠARDIN IL-MISTRIEH

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 3

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Frar 2005 min-nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Bastjan, San Bartolomew ħdejn HSBC u r-Rebħa.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Jannar, 2005

POLICE NOTICE

No. 3

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the date and times indicated.

Qormi

On Saturday, 5th February 2005 from noon to midnight through the following streets: San Bastjan, San Bartolomew near HSBC and ir-Rebħa.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

21st January, 2005

EUROPEAN UNION

Positions as Temporary Agents with EUROJUST

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published a vacancy notice in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of EUROJUST, for the recruitment of the following positions as Temporary Agents:

1. Ref: 04/EJ/ 53 - Secretary to the National Member for Estonia (grade C*1)
2. Ref: 04/EJ/ 54 - Secretary to the National Member for Hungary (grade C*1)

Eurojust is a European Union body established in 2002 to enhance the effectiveness of the competent authorities within Member States when they are dealing with serious cross-border and organised crime. Eurojust stimulates and improves the coordination of investigations and prosecutions and also supports the Member States in order to render their investigations and prosecutions more effective.

Interested persons are requested to use the prescribed application form provided by EUROJUST on its website at http://www.eurojust.eu.int, under "Recruitment/Application Forms", and follow the instructions there.

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on method of application, may be found on the EUROJUST website or through the above EPSO website. The closing date for applications is 4th February 2005. Applications are to be sent by registered post to:-

EUROJUST
Recruitment Office
P.O. Box 16183
2500 BD The Hague
The Netherlands

The reference number of the vacancy notice should be written on the cover of the application envelope.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

21st January, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Tejjeb il-Prospetti tal-Karriera Tiegħek – Opportunitajiet Ġodda ta' Tagħlim għall-Adulti

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) se jniedi numru ta' korsijiet ġodda li se jkunu kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dawn il-proġetti joffru korsijiet ta' bażi u ta' *re-skilling* imfassla għal dawk l-adulti 'l fuq minn 25 sena li jridu jirritornaw lura għax-xogħol jew li jixtiequ jkomplu jitħarrgu fis-sengħa tagħhom biex b'hekk itejbu l-prospetti tal-karriera tagħhom.

Il-korsijiet offruti jinkludu:

***Reskilling* u taħriġ fl-Industrija ta' l-Inġinerija Mekkanika u s-CNCs**
Dan il-kors hu mfassal għal persuni adulti b'esperjenza bażika fl-Industrija ta' l-Inġinerija Mekkanika li jixtiequ jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom ta' kif iħaddmu apparat ta' l-inġinerija mekkanika permezz ta' l-użu tas-CNC. Il-kors iwassal għal kwalifika rikonoxxuta fuq livell internazzjonali maħruġa mill-Awtorità ta' Taħriġ fl-Inġinerija Marittima ta' l-Ingilterra.

***Reskilling* u taħriġ fl-Industrija ta' l-Elettronika**
Dan il-programm hu maħsub għal persuni b'esperjenza bażika fl-Inġinerija Elettronika li jridu jiksbu kwalifika vokazzjonali tat-tieni livell rikonoxxuta fuq livell internazzjonali.

Taħriġ fl-Informatika u *Customer Care* għal nisa li jridu jirritornaw lura għax-xogħol
Dan il-programm hu ppjanat għal dawk in-nisa li jridu jirritornaw lura għax-xogħol u li jridu jiksbu kwalifika rikonoxxuta fuq livell internazzjonali fl-ICT u fil-*Customer Care*. Il-ħin ta' dan il-kors se jkun imfassal skond il-ħtiġiet ta' ommijiet bi tfal żgħar.

Il-preservazzjoni tas-snajja' tradizzjonali Maltin
Dan il-kors joffri taħriġ bażiku lil dawk li jridu jitgħallmu s-sengħa tal-fuħħar jew tal-filugranu. Dawk li jattendu jiġu mħarrġa wkoll fil-ħiliet intraprenditorjali biex b'hekk jkunu jistgħu jaħdmu għal rashom fis-settur tas-snajja' tradizzjonali Maltin. Biex wieħed jattendi għal dan kors, ma hi meħtieġa l-ebda esperjenza jew kwalifika formali.

Scaffolding* u *rigging
Dan il-programm joffri taħriġ fl-Industrija tal-Kostruzzjoni u jiffoka l-aktar fuq *scaffolding* u *rigging*. Il-kors hu mmirat għal persuni li ma jibżgħux mill-għoli u jixtiequ jaħdmu f'dan is-settur.

Kura ta' l-Anzjani
Dan il-kors ta' taħriġ bażiku hu mfassal biex jipprovdi lil dawk li jattendu b'informazzjoni, tagħrif u kapaċitajiet essenzjali li wieħed jeħtieġ biex jaħdem fis-settur tal-kura ta' l-anzjani. Biex wieħed jattendi għal dan kors, ma hi meħtieġa l-ebda esperjenza jew kwalifika formali.

Il-korsijiet kollha mistennija jibdew fi Frar 2005. Il-korsijiet huma bla ħlas u jistgħu jinżammu filgħodu jew filgħaxija, fuq bażi *full-time*u/jew *part-time*.

Dawn il-korsijiet huma ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) skond il-Programm Ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

L-applikazzjonijiet kollha jridu jaslu fiċ-Ċentru ta' Informazzjoni u *Support* ta' l-MCAST sas-26 ta' Jannar, 2005. Formoli ta' applikazzjoni jistgħu jinġabru miċ-Ċentru ta' Informazzjoni u *Support* ta' l-MCAST, MCAST Main Campus, Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid jew miċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra. Għal aktar informazzjoni fuq il-korsijiet ċempel 21806440 (Malta), 21556275 (Għawdex), jew ibgħat e-mail fuq information@mcast.edu.mt jew żur is-sit ta' l-*internet*: www.mcast.edu.mt/esf.

It-18 ta' Jannar, 2005

MALTA COLLEGE FOR ART, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Improve your Career Prospects – New Learning and Training Opportunities for Adults

The Malta College for Art, Science and Technology (MCAST) will be initiating a number of courses part-financed by the European Social Fund (ESF). The projects consist of foundation and re-skilling courses aimed at persons over 25 years of age, wishing to return to the workforce or interested in further developing and upgrading their employability skills.

The courses include:

Reskilling and Retraining in the Mechanical Engineering Industry (CNCs)
This course is aimed at mature persons with a mechanical engineering background wishing to upgrade their skills in machine engineering materials using CNCs equipment. It will lead to an international recognised qualification issued by the Engineering Marine Training Authority, UK.

Reskilling and Retraining in the Electronics Industry
This programme is designed for persons with an electronic engineering background wishing to obtain an internationally recognised vocational level 2 qualification.

Employability Skills for Women Returning to the Workforce
This programme is targeted at women interested in returning to the workforce and wishing to gain an internationally recognised certificate in ICT and basic customer service. The courses will be time-tabled keeping in mind mothers with school-children.

Preservation of Traditional Maltese Crafts
This foundation course is aimed at those wishing to start training in pottery or filigree. It will provide candidates with entrepreneurial skills to encourage self-employment within the traditional crafts sector. No previous experience or formal qualification is required for this course.

Scaffolding and Rigging
This training programme will offer insight into the building and construction industry with special emphasis on scaffolding and rigging. It is intended for persons who are good at heights and interested in working within this industry.

Caring for the Elderly
This foundation programme is designed to provide participants with the knowledge, understanding and practical skills required at an operational level within the growing care sector. No previous experience or formal qualification is required for this course.

The courses will be made available both on a part-time and/or full-time basis depending on the demand, and may run during the day and/or evening. All courses are free of charge and are intended to start in February 2005.

Persons interested in applying for these courses can do so by the 26th of January 2005. Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola and from the MCAST Gozo Centre, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra. For further information on the courses one is to call on 21806440 (Malta) or on 21556275 (Gozo), e-mail information@mcast.edu.mt or log on to www.mcast.edu.mt/esf.

18th January, 2005



Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)



DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Università ta' Malta
Ċertifikat ta' l-Eżami tal-Matrikola Mejju 2005
Ċertifikat ta' l-Eżami Suġġetti Wieħed Wieħed
f'Livell Avvanzat Mejju 2005
Applikazzjonijiet Tard

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li setgħu naqsu li jirreġistraw għall-eżamijiet msemmija hawn fuq illi d-Dipartiment ta' l-Eżamijiet jilqa' applikazzjonijiet tard għaċ-Ċertifikat ta' l-Eżami tal-Matrikola u l-Eżami f'Suġġett Wieħed Wieħed f'Livell Avvanzat għas-Sezzjoni ta' Mejju 2005 nhar il-Ħamis, is-27 ta' Jannar 2005 biss.

Kandidati interessati għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni tagħhom kif jidher hawn taħt:–

Kandidati f'Malta:
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
ir-Rabat, Għawdex.

Minbarra d-drittijiet normali tal-ħlas tar-reġistrazzjoni, il-kandidati għandhom iħallsu dritt addizzjonali ta' Lm20 ma' kull formola ta' l-applikazzjoni.

Taħt l-ebda ċirkostanza d-Dipartiment ta' l-Eżamijiet ma jaċċetta aktar applikazzjonijiet wara d-dati msemmija hawn fuq (i.e. il-Ħamis, is-27 ta' Jannar, 2005).

Dettalji oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

Il-21 ta' Jannar, 2005

EXAMINATIONS DEPARTMENT

University of Malta
Matriculation Certificate Examination May 2005
Advanced Single Subject Examination
May 2005
Late Applications

The Director of Examinations notifies interested candidates who may have failed to register for the above examinations that the Department of Examinations will be receiving late applications for the Matriculation Certificate Examination, and Advanced Level Single Subject Examination for May 2005 Session on Thursday, 27th January 2005 only.

Interested candidates are to submit their application form as shown hereunder:

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre,
Victoria, Gozo.

Besides the payments of the normal registration fees, candidates will have to pay an extra charge of Lm20 in respect of each application.

Under no circumstances will the Department of Examinations accept further applications after the above dates (i.e. Thursday, 27th January, 2005)

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana or from the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

21st January, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

B'riferenza għas-sejħa għall-Impieg ta' *Supply Kindergarten Assistant* (Irġiel/Nisa) fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex jgħinu Tfal/Studenti bi Bżonnijiet Speċjali f'Ambjent Skolastiku Inklussiv ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2003 u li ngħalqet temporanjament f'Awissu 2004, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tgħarraf lill-pubbliku li s-sejħa se terġa' tiftaħ b'seħħ mit-3 ta' Jannar 2005 u tingħalaq b'mod definittiv fil-31 ta' Jannar 2005.

Il-21 ta' Jannar, 2005

EDUCATION DIVISION

With reference to the Call for Supply Kindergarten Assistant (Males/Females) in the Education Division to Support Children/Students with Special Needs in an Inclusive Setting published on the Government Gazette dated 29th April 2003 and which was Temporarily Closed in August 2004, the Education Division wishes to inform the Public that the Call will be re-opened as from the 3rd of January 2005 and will be definitely closed as from the 31st January 2005.

21st January, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Assistent Kap ta' l-Iskola (Primarja) Għawdex fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq, wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Il-21 ta' Jannar, 2005

EDUCATION DIVISION

Result of Interview for the Posts of Assistant Head of School (Primary) Gozo in the Education Division

The Department of Education notifies that the result of the interview for the above mentioned posts, may be viewed on the notice-board at the Education Division, Department of Education, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of the Education, Victoria, Gozo.

21st January, 2005

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

L-20 ta' Lulju, 2004

Deċiżjoni dwar akkwist skond Regolament 6(1)(ii) ta' Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002)

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika tat-2 ta' Lulju 2004 ai termini tar-Regolament 5 ta' l-AL 294 ta' l-2002;

Wara li kkunsidra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (AL 294 ta' l-2002);

Wara li kkunsidra ġurisprudenza ta' l-Unjoni Ewropea u barranija.

Il-fatti

1. Fit-2 ta' Lulju 2004, is-Sur Pawlu Vella u s-Sur Frans Vella għal Ballut Blocks Ltd. u Angelo Xuereb għal AX Holdings Ltd. innotifikaw l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejjaħ UK;) bi ftehim bejn General Precast Concrete Ltd. u AX Holdings Ltd. li jikkonsisti fl-akkwist ta' General Precast Concrete Ltd., sussidjarja ta' AX Holdings Ltd. minn Ballut Blocks Ltd. skond Regolament 2(d) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika ġiet imħabbra permezz ta' avviż pubbliku fil-Gazzetta tal-Gvern numru 17,621 u avviż li deher f'gazzetta lokali nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Lulju, 2004.

Il-Partijiet

3. F'dan il-każ il-partijiet ta' dan il-ftehim kienu Ballut

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

20th July, 2004

Decision on acquisition in terms of Regulation 6(1)(ii) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the respective notification of the 2nd July 2004 pursuant to Regulation 5 of L.N. 294 of 2002;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (L.N. 294 of 2002);

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On the 2nd July 2004, Mr. Paul Vella and Mr. Frans Vella for Ballut Blocks Ltd. and Angelo Xuereb for AX Holdings Ltd. notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) with an agreement between General Precast Concrete Ltd. and AX Holdings Ltd. consisting in the acquisition of General Precast Concrete Ltd., a subsidiary of AX Holdings Ltd. by Ballut Blocks Ltd. within the meaning of Regulation 2(d) of the Regulations on Control of Concentrations.

2. The filing and acceptance of such notification was notified through a public notice in the Government Gazette number 17,621 and a notice that appeared in a local newspaper on Friday, 9th July, 2004.

Parties

3. In this case the parties to the agreement are Ballut Blocks

Blocks Ltd. u AX Holdings Ltd. General Precast Concrete Ltd. hija sussidjarja ta' AX Holdings Ltd. li min-naħa tagħha hija sussisdjarja ta' Fulcrum Services Ltd.

4. General Precast Concrete Ltd. hija prinċipalment involuta fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' strutturi tal-konkrit prefabrikati u *drycast slabs* u l-utilizzazzjoni tagħhom fi proġetti ta' kostruzzjoni.

5. Matul is-sena 2004, General Precast Concrete Ltd. waqfet l-operazzjonijiet tal-kummerċ tagħha.

6. L-ebda esportazzjoni ma saret minn Ballut Blocks Ltd. u General Precast Concrete Ltd.

Il-Ftehim

7. Skond il-ftehim preliminari tat-23 ta' Frar 2004, Ballut Blocks Ltd. kellha takkwista lil General Precast Concrete Ltd. bid-drittijiet u l-assi kollha tagħha. L-assi taħt imsemmija mhumiex inklużi:

• Il-medda ta' l-art magħrufa bħala Tat-Tafli b'kejl ta' ċirka 8805 metri kwadri,
• Żewġ krejnijiet mobbli mniżżla fuq l-inventarju li kien preżentat lil Ballut Blocks Ltd., b'mod speċifiku krejn ta' 60 tunnellata u krejn ta' 18/20 tunnnellata bin-numru ta' reġistrazzjoni EBB575,
• L-ammonti kollha dovuti minn xi debituri lill-kumpanija,
• L-ammonti kollha dovuta minn jew lill-kumpaniji oħra li huma sussidjarji jew kumpaniji assoċjati formanti parti mill-grupp ta' AX Holdings.

8. La darba t-transazzjoni ssehħ, General Precast Concrete Ltd. mhux se jkollha dejn jew obbligazzjonijiet versu terzi persuni jew grupp ta' kumpaniji u se tkun libera minn kull ipoteka jew dejn tan-negozju u dejn versu kredituri oħra.

9. Il-ftehim huwa suġġett għall-kunsens bil-miktub tal-Malta Development Corporation, liema kunsens huwa neċessarju ai termini tal-kirja ta' l-art fuq liema General Precast Concrete Ltd. għandha mibnija l-fabbrika u fejn jieħdu lok l-attivitajiet anċillari tagħha.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

10. It-transazzjoni notifikata li permezz tagħha Ballut Blocks Ltd. qiegħda takkwista kontroll dirett ta' General Precast Concrete Ltd., hija konċentrazzjoni skond Regolament 2(d)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

11. Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta'assi, b'kuntratt

Ltd. and AX Holdings Ltd. General Precast Concrete Ltd. is a subsidiary of AX Holdings Limited which is in turn a subsidiary of Fulcrum Services Ltd.

4. General Precast Concrete Ltd. is principally engaged in the manufacture and distribution of prefabricated concrete structures and drycast slabs and their utilisation in construction projects.

5. During the year 2004, General Precast Concrete Ltd. stopped its trading operations.

6. No exports are made by Ballut Blocks Ltd. and General Precast Concrete Ltd.

Agreement

7. According to the preliminary agreement of the 23rd February 2004, Ballut Blocks Ltd. is to acquire General Precast Concrete Ltd. with all its rights and assets. The following assets are not included:

• The area of land known as Tat-Tafli measuring circa 8805 sq. mts,
• Two mobile cranes shown on the inventory which was presented to Ballut Blocks Ltd., namely a 60 ton crane and the 18/20 ton crane bearing registration number EBB575,

• All amounts due by trade debtors to the company,
• All amounts due by or to other companies which are subsidiary or associated companies forming part of the AX Holdings group.

8. Once the transfer is carried out, General Precast Concrete Ltd. will have no debts or obligations either to third parties or to group companies and it shall be free from hypothecs and liabilities to trade and other creditors.

9. The agreement is subject to written consent by the Malta Development Corporation which consent is needed in terms of the lease of the land on which General Precast Concrete Ltd. has built its factory and ancillary activities.

Notifiable Concentration

10. The notified transaction whereby Ballut Blocks Ltd. acquires the direct control of General Precast Concrete Ltd., is a concentration within the meaning of Regulation 2(d)(ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

11. Regulation 2(d)(ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of

jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

Threshold li jiskatta l-obbligu ta' notifika

12. It-*turnover* totali ta' waħda mill-intrapriżi konċernati f'din it-transazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata mir-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Evalwazzjoni

13. L-UKĠ ikkunsidra b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

a) L-attivitajiet tal-partijiet li nnotifikaw;

b) is-suq rilevanti;

ċ) l-istruttura tas-suq u l-preżenza ta' impedimenti għaddħul.

L-attivitajiet tal-partijiet li nnotifikaw

14. General Precast Concrete Ltd. hija kumpanija involuta fil-manifattura tal-konkrit *precast* u pilastri tal-konkrit.

15. Ballut Blocks hija involuta fil-manifattura tal-briks tal-konkrit, pilastri tal-konkrit, konkrit *precast* u prodotti oħra tal-konkrit.

Is-suq rilevanti

16. F'dan l-akkwist partikolari, hemm attività komuni fil-manifattura tal-pilastri tal-konkrit u konkrit *precast,* waqt li m'hemmx attività komuni fi prodotti oħra. Għaldaqstant, huwa ċar li s-suq rilevanti jikkonsisti fil-manifattura ta' konkrit *precast* u pilastri tal-konkrit. Dawn l-attivitajiet huma meqjusa li jaqgħu taħt is-settur numru 26.61 tan-NACE, relatat mal-manifattura tal-prodotti tal-konkrit għal skopijiet ta' kostruzzjoni.

F'dan is-settur, it-*turnover* totali għas-sena 2002 kien ċirka Lm9,322,000 waqt li għas-sena 2001 kien Lm6,903,000. It-*turnover* ta' Ballut Blocks Ltd. għas-sena 2003 kien Lm1,719,348; fl-2002 ammonta għal Lm1,553,251 waqt li fl-2001 ammonta għal Lm1,375,682. It-*turnover* għal General Precast Concrete Ltd. ammonta għal Lm153,839; fl-2002 ammonta għal Lm498, 795 waqt li fl-2001 ammonta għal Lm 337,297.

17. Ballut Blocks Ltd. iddikjarat illi bħalissa għandha bejn wieħed u ieħor 9% bħala sehem fis-suq tal-manifattura tal-konkrit *precast* u pilastri tal-konkrit waqt li General Precast Concrete Ltd. kellha inqas minn 3% sehem fis-suq sal-2002.

18. B'dawn il-figuri msemmija, Ballut Blocks kellha sehem fis-suq ta' bejn wieħed u ieħor 19.93% fl-2001 u 16.63% fl-2002. General Precast Concrete Ltd. kellha sehem fis-suq ta' 4.39% fl-2001 u 5.35 fl-2002. Is-sehem fis-suq taż-żewġ

direct or indirect control of the whole or parts of one or more other undertakings.

Threshold for notification

12. The aggregate turnover of one of the parties to the proposed concentration in the preceding financial year exceeds that contemplated in Regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Assessment

13. The OFC, paid particular attention to the following elements:

a) activities of the notifying parties;

b) the relevant market;

c) market structure and the presence of barriers to entry.

Activities of the notifying parties

14.General Precast Concrete Ltd. is a company involved in the manufacturing of precast concrete and concrete pillars.

15. Ballut Blocks is involved in the manufacture of concrete bricks, concrete pillars, precast concrete and other concrete products.

The relevant market

16. In this particular acquisition, there is an overlap in the manufacturing of concrete pillars and precast concrete, while there is no overlap in the other products. Thus, it is clear that the relevant market consists of the manufacture of precast concrete and concrete pillars. Such activities are seen as falling under NACE sector 26.61, relating to the manufacture of concrete products for construction purposes.

In this sector, the total turnover figure for the year 2002 was approximately Lm9,322,000, whereas for 2001 it was Lm6,903,000. The turnover for Ballut Blocks Limited for 2003 was Lm1,719,348; in 2002 it amounted to Lm1,553,251 whilst for 2001 it amounted to Lm1,375,682. The turnover for General Precast Concrete Limited for 2003 was Lm153.839; in 2002 it amounted to Lm498,795 whilst for 2001 it amounted to Lm337,297.

17. Ballut Blocks Ltd. stated that presently it has approximately 9% market-share in the manufacture of precast concrete and concrete pillars whilst it stated that General Precast Concrete Ltd. had less than 3% market share up to 2002.

18. With the turnover figures mentioned above, Ballut Blocks Ltd had a market share of approximately 19.93% in 2001 and 16.63% in 2002. General Precast Concrete Limited had a market share of 4.39% in 2001 and 5.35% in 2002. The

kumpaniji f'daqqa kien 24.32% fl-2001 u 21.98% fl-2002. Ma kien hemm l-ebda tagħrif għall-2003 mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u għalhekk jista' biss jiġi preżunt li s-sehem fis-suq taż-żewġ kumpaniji f'daqqa fl-2003 jammonta għal madwar 22%, abbażi tas-sena 2002, meta wieħed jikkunsidra li l-operazzjonijiet ridotti ta' General Precast Concrete rrendew lill-kumpanija *turnover* ta' biss Lm153,839 għas sena li spiċċat fil-31 ta' Ottubru 2003, u li ż-żieda fit-*turnover* ta' Ballut Blocks kienet ta' Lm166,097 mis-sena preċedenti. Dawn id-differenzi, bejn wieħed u ieħor, ipattu għal xulxin, sabiex is-sehem fis-suq taż-żewġ kumpaniji f'daqqa probabbilment baqa' l-istess mill-2002 sa' l-2003.

19. Is-swieq ġeografiċi mhumiex affettwati b'dan l-akkwist.

L-istruttura tas-suq u impedimenti għad-dħul

Għalkemm is-sehem tas-suq taż-żewġ kumpaniji f'daqqa jammonta għal madwar 22%, in-nuqqas ta' impedimenti għad-dħul flimkien mat-*turnover* minimu tal-kumpanija General Precast Concrete fl-2003, ifisser li din il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni f'dan is-settur. Barra dan, hemm diversi prodotti li jistgħu jissostitwixxu l-konkrit *precast* u l-pilastri tal-konkrit fl-industrija tal-kostruzzjoni, biex b'hekk ikun probabbli li l-entità magħquda taffaċċja aktar kompetizzjoni minn dik li taqa' taħt is-settur tal-Manifattura tal-Prodotti tal-Konkrit għall-Finijiet ta' Kostruzzjoni kif definit iżjed il-fuq.

Konklużjonijiet

Għar-raġunijiet fuq imsemmija u skond Regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, 2002 (AL 294 ta' l-2002), id-Direttur ta' l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta:

(1) Iddeċieda li għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;
(2) Iddeċieda li ma jopponix il-konċentrazzjoni u
(3) Jiddikjaraha bħala konċentrazzjoni leġittima.

Marcel Pizzuto
Direttur

Il-21 ta' Jannar, 2005

combined market share of the two firms was 24.32% in 2001 and 21.98% in 2002. Data for 2003 was not yet available from the National Statistics Office so it can only be assumed that the combined market shares of the two companies in 2003 amounted to around 22%, based on what it was in 2002, given the reduced operations of General Precast Concrete which earned the company a turnover of only Lm153,839 for the year ended 31st October 2003, and the increase in turnover for Ballut Blocks of Lm166,097 over the previous year. These differences roughly offset each other so the combined market share of the two companies must have remained the same from 2002 to 2003.

19. Geographic markets are not affected by this take over.

Market structure and barriers to entry

20. Although the combined market share of the two companies amounts to around 22%, the absence of barriers to entry combined with the minimal turnover of the target company, General Precast Concrete, in 2003, mean that this concentration does not raise any doubts as to its effect on competition within the sector. Moreover, there are various substitutable products to precast concrete and concrete pillars in the construction industry, so the merged entity is likely to face more competition than that falling under the sector of the Manufacture of Concrete Products for Construction Purposes as defined above.

Conclusions

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 6(1)(ii) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002), the Director of the Office for Fair Competition has therefore:

(1) Decided that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;
(2) Decided not to oppose the Concentration and
(3) Declares it to be a lawful Concentration.

Marcel Pizzuto
Director

21st January, 2005

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf illi Triq Fidiel Zarb se tkun magħuqa għat-traffiku nhar it-Tnejn, l-24 ta' Jannar 2005 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

Il-21 ta' Jannar, 2005

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that Triq Fidiel Zarb will be closed to all traffic on Monday, 24th January 2005 from 9.00 a.m. till 1.00 p.m.

21st January, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 350/2004. Akkwist ta' tagħmir għall-*monitoring* - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Novembru 2004.

CT 355/2004. Provvista ta' ħobż (Malta) - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 357/2004. Provvista ta' manetti - Dipartiment tal-Pulizija.

CT 358/2004. Provvista ta' *adrenaline 1:10,000 pre-filled syringes with luer tip* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 359/2004. Provvista ta' *ispaghula husk* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 360/2004. Provvista ta' pilloli *dipyridamole 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 361/2004. Bini ta' *access road* għall-blokki ta' djar f'Triq il-Wied, l-Imsida - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 364/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *frusemide 250mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 365/2004. Provvista ta' pilloli *lisinopril 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 366/2004. Provvista ta' *atosiban 7.5mg/ml concentrate for infusion* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 370/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' injam ta' l-abjad u ta' l-aħmar lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Frar, 2005 għal:

CT 351/2004. *Prequalification document* għall-provvista

DEPARTMENT OF CONTRACTS

